Għadek kif kont,
Kollox dwarek għadu:
...... għebu biss
Dawk li qabilna ħassew u xtaqu,
U bil-ħerqa wettqu, u ferħu
X'ħin rawk hekk kbir setgħani,
Għelm ħaj
Tat-twemmin tagħhom.
Fejn huma dawk li ħolqu surtek,
Għadhom xejn jersqu lura lejn djarhom
Jitniehdu li ħadd ftakarhom?
Kulħadd insiehom.
Għidli min huma,
Halli mill-ġdid l-għanja tagħhom
Nerġa' ngħannilhom:
Naf li issa jistħu
Għax barra minn żmienhom
Hadd ma jifhimhom,
Għalhekk jersqu
U mbiegħda, imgerrxa huma jżommu,
taħtek moħbija.
Ma lmaħthom dan l-aħħar
X'ħin f'dawl ta' berqa
Rajt jiżgiċċaw dellijiet mlebbta
U bħal leħħa ħarbu:
Kien baqa' biss x'ħin sebaħ
Dak li jien issa fid-dawl qed nara,
Kif fi tfuliti niftakrek sabiħ.
Erġajt mill-ġdid inħossni sirt tfajjel:
Ara għadhom hemm l-għasafar igħannu,
Hemm il-bufula, hemm il-kappara,
U l-irziezet rieqda mkenna minn ġmielek,
U qalbi għadha tħabbat,
Bħal meta ċkejken ixxabbatt miegħek:
Iż-żmien m'hu xejn għalik u għalija.



# L-Ewwel Lejla Letterarja ta' L-Akkademja Tal-Malti

Nhar it-Tlieta, 7 ta' Novembru, fit-Teatru Manoel l-Akkademja tal-Malti tat bidu għal sensiela ta' laqgħat letterarji li beħsiebha tkompli torganizza fil-ġejjieni. X'uħud qalu li t-Teatru ftit ra dik l-attendenza kollha f'laqgħat letterarji bħal dawn.

Il-poeta Dr. Anton Buttigieg BA LLD, Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet Parlamentari fetaħ din is-sensiela ta' laqgħat.

Il-President ta' l-Akkademja, il-Professur Ġuże' Galea fetaħ il-lejla billi qal li din is-sensiela ta' laqgħat kienet tagħmel sehem mill-ħidmiet tal-Għaqda fl-okkażjoni tal-50 sena mit-twaqqif tagħha. Huwa qal li ħafna kienu l-ħidmiet li saru fl-imgħoddi u bosta oħrajn huma mħejjija għall-ġejjieni, fosthom il-konkors tad-drama li qed tniedi.

Imbagħad il-Professur Galea talab lil Dr. Buttigieg biex jibda jaqra u jikkummenta fuq il-poeżija tiegħu. Dr. Buttigieg qassam il-qari tal-versi tiegħu f'ħames suġġetti: in-natura; in-niket, is-satira u l-umoriżmu, versi soċjali u oħrajn patrijottiċi u ta' lewn lokali.

Dr. Buttigieg qal li huwa beda jikteb il-poeżija fuq ix-xejra ta' William Wordsworth u wara l-ewwel żewġ volumi ta' poeżiji, il-kritiċi tawh l-isem ta' "Il-Poeta tan-Natura". Fost il-poeżiji li jitrattaw dan is-suġġett, Dr. Buttigieg qara "Il-Ħolma t'Alla" u "L-Għanja taċ-Ċaqliq".

Dr. Buttigieg qal li huwa kiteb fuq is-suġġetti kollha u kien wieħed mill-pijonieri tal-letteratura Maltija l-ġdida għax daħħal il-metri u l-istili kollha li hemm fil-letteratura barranija. Huwa qal li dejjem ħares lejn il-ħajja bl-ottimiżmu u s-sabar u qatt ma qata' qalbu mill-ħajja. Għalhekk qal li aktar iħobb li jkun imsejjaħ "Il-Poeta Ottimista".

Dr. Buttigieg għalaq il-lejla billi qara l-poeżija "Il-Kappella tal-Paċi", poeżija mnebbħa mil-Laboratorju tal-Paċi li hemm f'Hal Far fejn isaltnu flimkien is-skiet, il-folklore u l-paċi. Din hija poeżija twila li timraħ ma' l-inħawi tal-Laboratorju u tiġri ġirja mad-drawwiet tal-poplu Malti. Dr. Buttigieg ħabbar li din il-poeżija qed tiġi immużikata mis-surmast Carmelo Pace u se tiġi ippreżentata 'l quddiem bil-għajnuna tal-ballet u l-kant minn sopran u kor.

Il-Professur Ġuże' Galea għalaq il-lejla letterarja billi iżża ħajr lill-Poeta Buttiġieġ u lil dawk li taw l-appoġġ għall-ħidma l-ġdida ta' l-Akkademja tal-Malti.

**Pawlu Cachia**
**Segretarju Propaganda**
**tal-Akkademja tal-Malti**